Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 366/2015

Il-Pulizja

Spettur Yvonne Farrugia

Vs

Duncan Buttigieg

Illum 30 ta' Marzu, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Duncan Buttigieg detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 244783M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Mejju, 2010, u fix-xhur ta` wara f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta` aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dang had-detriment ta` Guido Agius minn Hal Ghaxaq;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor,

ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37) ghad-detriment ta` Guido Agius minn Hal Ghaxaq;

3. Kif ukoll, Duncan Buttigieg, sar recidiv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti ta` Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 52, 93, 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghal tletin (30) xhar prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien li huwa dam taht arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Duncan Buttigieg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija, izda taghti sentenza aktar gusta u ekwa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Duncan Buttigieg huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt fil-piena ta tletin xahar prigunerija. L-appelalnt iqis il-kaz li jitratta dwar ftit anqas minn €3,000 m'ghandux igib sentenza ta' 30 xahar prigunerija.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottoptost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi ta' misapproprjazzjoni u frodi li dwarhom l-appellanti gie misjub hati. Jilmenta illi l-piena komminata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva tenut kont tal-fatt illi l-ammont tal-flus involut kien wiehed zghir ta' €3000 biss.

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra dwar dan il-gravam din il-Qorti ma tistax ma tinnotax mankanza procedurali serja fid-decizjoni impunjata. Illi l-appellanti kien akkuzat biz-zewg reati tal-misapproprjazzjoni u frodi. Id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jikkontemplaw dawn ir-reati huma l-artikoli 293 li jitkellem dwar il-misapproprjazzjoni u l-artikoli 308 u 309 li jikkontemplaw ir-reat tal-frodi. Issa minn qari tad-decizjoni impunjata l-Ewwel Qorti wara li iccitat id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom kienet qed issib htija ghaddiet biex iddikjarat hekk:

"**Illi minn dawn il-provi jirrizultaw l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u ghalhekk issibu hati**."

Dak li sfugga lill-Ewwel Qorti kif ukoll lill-partijiet f'din il-vertenza, madanakollu huwa l-fatt illi fid-decizjonijiet impunjata ma issir l-ebda referenza ghad-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla ir-reat tal-misapproprjazzjoni billi l-artikolu iccitat, x'aktarx erronjament, huwa l-artikolu 93 li ma ghandu xejn x'jaqsam mal-imputazzjonijiet addebitati lill-appellanti billi din id-disposizzjoni tal-ligi tirreferi ghar-reat ta' theddid lill-persuna ta' Imhallef, Magistrat, gurat jew l-Avukat Generali. Il-Qorti ghalhekk hija idejha marbuta u ma tistax hlief tissolleva *ex officio* in-nullita tad-decizjoni impunjata li taghmel referenza ghal reat mhux indikat la fl-akkuza u wisq anqas fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali fejn hemm espressament indikat l-artikolu 293 u mhux 93. Dan ghaliex ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 ma gewx rispettati meta hemm stipulat illi s-sentenza: "*ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat*".

Premess dan allura,

*"ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi* **(f'dan il-kaz addirittura id-disposizzjoni espressa tal-ligi***) zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat" [10.6.94] , "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra " [26.5.94]; "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" [23.6.1995] u ohrajn.)"*[1]

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravvju sollevat mill-appellanti u tghaddi biex tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali tordna it-trattazzjoni mill-gdid fil-mertu tal-kaz.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[1] Il-Pulizija vs Christopher Scerri App. Inf. 01/11/2007.